**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 12 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 2**

**Citaz. Nru. 1246/93 FD**

**Evelyn mart Martin Attard f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Desiree u Doriana kif awtorizzata tipprocedi b'digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta' Settembru, 1993 - numru 1041/93**

**Vs**

**Martin Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti zzewgu fil-11 ta' Mejju 1983, il-Kapuccini, Floriana u minn liema zwieg twieldu zewgt itfal minuri Desiree ta' hames snin, u Dorianne ta' tlett xhur;

Premess illi l-konvivenza bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli, ghar-ragunijiet unikament imputabbli ghall-konvenut konsistenti f'minacci, vjolenza, ingurji gravi u difetti psikologici serji, pre-ezistenti z-zwieg;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejniethom *a mensa et thoro* u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli ghall-konvenut;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Desiree u Dorianne f'idejn l-atrici;

3. Tassenja d-dar matrimonjali lill-attrici;

4. Tillikwida u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom;

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallasha manteniment xieraq u adegwat, ghaliha u ghal uliedha l-minuri, f'jum, hin u lok li dina l-Qorti joghgobha tiddetermina;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' impediment tas-safar kawtelatorju pprezentat kontestwalment;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine*, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-allegazzjonijiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. Ma kienx hemm lok ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, anzi, il-konvenut jixtieq jirrikoncilja maghha u ghadu izomm l-isperanza li t-tnejn jergghu jirritornaw flimkien;

2. Illi ghalhekk f'dan l-istadju ma xtaqx iressaq eccezzjonijiet ohra li setghu ikunu ta' ostakolu ghal possibbli rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha ta' l-14 ta’ Marzu 1995 li permezz tieghu l-Qorti nnominat l-avukat Dr. Joe Refalo bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi espert legali li tinsab a fol 101 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza ta' l-10 ta' Marzu 1999;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Mejju 1999 fejn innominat lil Carmen Zammit bhala esperta biex wara li tisma' lill-minuri u lix-xhieda li jidhrilha opportuni, tirrapporta dwar il-kura u l-access ta' l-ulied minuri tal-kontendenti;

Rat ir-rapport ta' l-istess Carmen Zammit li jinsab a fol. 137 *et sequitur* tal-process u li gie minnha debitament konfermat fl-Udjenza tat-12 ta' Lulju tas-sena 2000;

Rat in-noti tad-difensuri u d-dokumenti esebiti miz-zewg partijiet;

Semghet lill-istess difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici intavolat din il-kawza fejn talbet li tigi dikjarata s-separazzjoni personali taghha minn mal-konvenut zewgha u dan ghar-ragunijiet imputabbli esklusivament lill-istess konvenut; talbet ukoll il-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri u manteniment ghaliha u ghall-istess ulied, u wkoll talbet li tigi dikjarata xolta u likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-

kontendenti, oltre li talbet li tigi assenjata lilha d-dar matrimonjali;

Illi minn naha tieghu l-konvenut qal li ma kienx hemm lok ghal separazzjoni imma xtaq rikonciljazzjoni;

Illi jrid jigi rilevat li flimkien ma' din il-kawza l-attrici pprezentat ukoll fl-istess guranata kawza ohra fejn talbet li jigi dikjarat null u bla effett iz-zwieg li hija kkuntrattat ma' l-istess konvenut; il-partijiet u d-difensuri qablu li z-zewg kawzi jimxu flimkien u li l-provi li jingabru f'wahda ikunu jaghmlu stat u jirreferu wkoll ghal kawza l-ohra. Il-Qorti tirrileva illi diversi rikorsi u atti li suppost kienu f'din il-kawza ta' separazzjoni, izda gew intavolati u prezentement jinsabu fil-process tal-kawza l-ohra ghall-annullament. Irid jigi rilevat ukoll illi anki l-kawza ta' l-annullament qed tigi deciza llum u l-Qorti taghmel ampja referenza ghall-process relattiv u anki ghas-sentenza;

Illi il-kontendenti ressqu diversi xhieda in sostenn tat-tezijiet rispettivi taghhom u l-istorja li harget hija wahda ta' diffikulta karettarjali kbira li wasslet ghat-tkissir taz-zwieg;

Illi mix-xhieda prodotti u anke mill-istqarrijiet ta' l-istess konvenut huwa bniedem possessiv u kien jghir hafna ghal martu; jidher li ghalkemm kien ihobbha dan kien jaghmlu kif jghidu "*a modo suo*" - riedha ghalih biss u ma kienx ihallilha ebda sfog fil-hajja. Jghid li "*kont nafdha hafna specjalment fil-flus*" - qisu jammetti li l-

affarijiet l-ohra, aktar importanti, ma kienx jafdha daqs kemm kien jafdha fil-flus! Kien jemmen li fil-hanut li kellhom hi kienet tati wisq kunfidenzi lill-irgiel u ma kienx irid lanqas li tiehu xi *lift* ma' haddiehor; pero` ma elabora xejn dwar dawn il-punti importanti fl-affidavit estensiv illi huwa pprezenta; kellu jammetti illi "*dan kollu kien jaghmilni xi ftit geluz*";

Illi kien jinsisti li "*jien dejjem xtaqt li Evelyn tilbes onest*"; "*xaharha u persunitha u l-ilbies etc. taghmilhom kif joghgob lilha*" u lilu dan ma kienx joghgbuh; u sahansitra qal li Sister Joan (ta' Merhba Bik) "*kienet iggieghel lil Evelyn tilbes imqaccat*";

Illi l-konvenut cahad li ma kienx ihalli lil martu tmur tqerr pero` zied jghid "*kien hemm qassis li kellu certa fama, li darba kien skandalizzani fil-qrar, li ghidtilha ahjar ma tmurx ghandu*"; ma jistax jigi njorat il-kliem tal-konvenut dwar ir-relazzjoni ta' martu ma' Sister Joan (wara li qal kemm din kienet tfixkel lilu) meta qal "*Sister Joan thobbha hafna lil Evelyn, u Evelyn thobbha wkoll tant li taghmillha hafna lbiesi (ta' soru) sbieh*";

Illi l-Qorti kkonsidrat ukoll ix-xhieda kollha li inghatat fil-kawza l-ohra dwar l-annullament u tara stampa cara ta' ragel li bl-ghira esagerata tieghu, tilef lil martu u kisser liz-zwieg li seta' tassew kien seren, peress li la parti u lanqas ohra ma uriet li hija xi persuna hazina;

Il-Qorti ma naqsitx illi tati l-piz mehtieg lin-nuqqasijiet riskontrati mill-espert psikjatriku

fil-kawza l-ohra dwar l-annullament. Dawn in-nuqqasijiet serji anke ta' l-attrici certament taw il-kontribut taghhom fit-tkissir taz-zwieg; kif ser jinghad aktar 'il quddiem meta bdew il-battibekki kontinwi tal-kontendenti dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri l-Qorti ma setghetx ma tosservax illi n-nuqqasijiet serji ta' l-attrici komplew aggravaw il-posizzjoni ta' l-istess minuri;

Illi l-provi kollha kkonsidrati minn din il-Qorti jwassluha biex tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-seprazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Attard u dan bi htija principalment tal-konvenut imma li l-attrici wkoll ghandha grad ta' responsabilita` ghal dak li gara;

Illi dwar id-dar matrimonjali rrizulta li z-zewg partijiet qed jghixu f'residenzi separati u illi wara s-separazzjoni ta' bejn il-kontendenti l-attrici inghatat post mill-awtoritajiet governattivi u fih qeghda tghix u ghalhekk mhux il-kaz li l-Qorti tippronunzja ruhha dwar it-talba relattiva ghad-dar matrimonjali;

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti rrizulta illi ma hemmx beni immobbli; dwar il-mobbli saret referenza ghaz-zewg listi mhejjija mill-attrici u dwar dawn, kif sewwa osserva l-abbli relatur "*ma ngibu l-ebda provi*";

Illi skond l-istess relatur meta kull parti zzomm dak li jinsab fil-pussess taghha, l-attrici kellha tircievi kwazi Lm5000 in ekwiparazzjoni; illi l-Qorti ma taqbilx ma' din l-evalwazzjoni; l-ebda parti ma talbet li jkun hemm espert biex jaghmel

l-istimi relattivi u l-Qorti ezaminat il-listi ta' l-imsemmija oggetti u hija konvinta li l-valur attribwit lilhom mill-attrici, kemm ghax ilhom jintuzaw ghal bosta snin, kif ukoll ghax m'ghadhomx moda jew superati fid-disinn, huma bil-bosta icken minn dak indikati mill-attrici; il-konteggi relattivi qed isiru wara l-osservazzjoni onesta li ghamlet l-attrici li l-prezzijiet minnha indikati kienu dawk tal-prezz li kien thallas ghalihom originarjament. Fi kwazi ghoxrin sena diversi minn dawk l-oggetti tilfu l-valur taghhom kwazi totalment;

Illi pero` anki wara li studjat bir-reqqa ukoll is-sottomissjonijiet maghmula fl-ahhar ta' dawn il-proceduri, inkluzi d-domandi illi xtaqu li jsiru lill-espert legali imma li baqghu ma sarux, jidher li l-konvenut zamm u uza tul dawn is-snin kollha aktar oggetti milli zammet jew utilizzat l-attrici; ghalhekk il-Qorti *arbitrio boni viri*, wara li kkonsidrat l-aspetti kollha ta' din il-kwistjoni, tikkonsidra li s-somma ta' elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1800) huwa ammont gust li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici in ekwiparazzjoni;

Illi fl-ahhar snin ta' dawn il-proceduri jirrizulta mill-process li l-partijiet bdew jaccelleraw it-talbiet taghhom dwar il-manteniment u dwar l-access ghall-minuri;

Illi skond risposta pprezentata mill-konvenut f'Jannar 1998 kien issottometta li hu kien jippercepixxi s-somma ta' Lm273 fix-xahar meta wara d-digriet originali ta' l-1993 kellu ihallas Lm30 fil-gimgha ghaliha u ghall-ulied. Illi skond

l-ahhar nota pprezentata mill-attur dan l-ammont issa lahaq Lm350 netti fix-xahar u ghalhekk ikun opportun li jkun hemm awment fil-manteniment senjatament minhabba l-bzonnijiet ta' l-ulied komuni;

Illi l-Qorti hi tal-fehma li l-attrici ghandha kapacitajiet u possibilita` li tahdem u tippercepixxi ammont ragjonevoli u ghalhekk il-konvenut ghandu jghaddilha s-somma ta' Lm10 fil-gimgha ghal bzonnijiet taggha. Kwantu ghat-tfal, kemm fid-dawl ta' l-awment fis-salarju tal-konvenut kif ukoll minhabba l-ispejjez tat-tfal li issa zgur huma akbar minn dawk ta' tmien snin ilu, l-ammont li l-konvenut ghandu jikkontribbwixxi ghall-mantiment taghhom ghandu jkun ta' Lm20 fil-gimgha ghal kull wahda minnhom.

Illi l-izjed punt li dwaru kkumbattew l-konjugi Attard kienet il-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri. Illi ghal snin shah l-posizzjoni kienet accettabbli izda imbaghad ghal kull rikors ta' parti wahda, kien qed jigi pprezentat iehor aktar iebes minn naha l-ohra u spiccajna biex it-talbiet taghhom bdew isiru dejjem aktar konfligenti u iebsin;

Illi l-inkwiet kbir ta' din il-Qorti huwa l-effett li d-disgwid bejn il-partijiet kien qieghed u qieghed fil-fatt johloq fuq il-minuri; ghal diversi snin il-posizzjoni kienet pjuttost normali imma ftit ftit wasalna biex minn ihares lejn il-visti ta' l-ulied ghand psikjatri, psikologi, social workers, tat-terapija u r-rapporti taghhom, il-kura medika li tinghatalhom, jahseb li hawn si tratta ta' zewgt itfal morda tassew. Din hija

sitwazzjoni tassew tal-biki u l-genituri ser ikun il-kagun jekk ghada pitghada, l-gharajjes jew zwieg dawn il-povri ulied jibdew jghajruhom li 'sa minn ckunitkom kontu tbatu b'raskom';

Illi l-Qorti taghmel referenza ghar-rapport ghaqli ta' Carmen Zammit u taqbel mal-konsiderazzjonijiet minnha maghmula taht il-kap "Sitwazzjoni taz-zewgt itfal Desiree u Dorianne" a fol. 142 sa 144 tal-process;

Illi bosta mill-argumentazzjonijiet bejn il-kontendenti kien jirrigwarda dwar jekk it-tfal kellhomx jorqdu bil-lejl ma' missierhom u l-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi l-attrici stess minghajr inkwiet ta' xejn sa ftit taz-zmien qabel kienet halliet liz-zewg ulied ghal diversi gimghat dejjem ma' missierhom u jorqdu ghandu wkoll; ir-raguni moghtija mill-attrici li bezghet mir-reazzjoni tal-konvenut ma tispjegax dan il-kambjament fl-atteggjament taghha;

Illi wara li kkonsidrat il-problemi u n-nuqqasjiet taz-zewg partijiet li gew spjegati fis-sentenza moghtija mit-Tribunal Ekklesjastiku u anki fir-rapport ta' l-espert psikjatriku nominat minn din il-Qorti fil-kawza l-ohra dwar l-annullament tifhem li "*fir-relazzjoni taz-zewgt itfal bejn il-genituri taghhom, iz-zewg genituri setghu b'xi mod joholqu diffikultajiet, izda l-istess hin iz-zewg genituri kellhom kwalitajiet pozittivi x'jghaddu lit-tfal*" u ghalhekk il-Qorti qeghda bis-sahha kollha tistieden liz-zewg kontendenti biex iwarbu l-piki ta' bejniethom u jsegwu l-parir ta' min huwa kompetenti fil-materja u jipprovaw jikkreaw klima aktar serena ghal uliedhom li jhossuhom ferm

ahjar jekk jaraw lil genituri ma ghadhomx jiggieldu bhal qabel;

Illi meta giet eskussa quddiem il-Qorti l-imsemmija esperta Carmen Zammit hija insistit illi l-attrici "*ikollha flessibilita bizzejjed li tippermetti lill-konvenut li jiehu lit-tfal*"; il-Qorti taqbel ma' l-osservazzjoni minnha maghmula fl-istess xhieda meta qalet "*jiena perswaza li Evelyn Attard ghandha ghal qalbha l-interess tal-minuri, pero` hija xi ftit anzjuza fis-sens illi peress li kellha problem ma' zewgha, tibza' li t-tfal jghaddu mill-istess diffikultajiet li ghaddiet minnhom hi*"; hija tat l-opinjoni illi "*huwa importanti ghat-tfal li huma jkunu flimkien anki matul il-lejl*";

Wara il-konsiderazzjonijiet kollha mehtiega il-Qorti taqbel mas-suggeriment maghmul mill-espert Carmen Zammit dwar l-access tal-missier ghall-minuri.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Attard u dan minhabba htijiet principalment tal-konvenut imma anki in parti u fi grad inqas minhabba nuqqasijiet ta' l-istess attrici;

Tilqa' t-Tieni Domanda u takkorda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Desiree u Dorianne f'idejn l-attrici b'dan pero` li hija ghandha

tikkonsulta mal-konvenut dwar fid-decizjonijiet importanti li jirrigwardaw lill-istess minuri; il-missier ikollu access ghaz-zewgt itfal mill-Gimgha fl-erbgha ta' wara nofsinhar (4:00 p.m.) sas-Sibt sat-tmienja ta' filghaxija (8:00 p.m.) fl-ewwel gimgha u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fid-disgha ta' filghodu (9:00 a.m.) sal-Hadd fis-sebgha ta' filghaxija (7:00 p.m.); matul il-vaganzi ta' l-iskola l-missier ghandu wkoll ikollu access darb' ohra fil-gimgha kull nhar ta' Erbgha jew gurnata ohra li jiftehmu dwarha il-kontendenti meta l-ulied ikunu f'idejh mid-disgha ta' filghodu (9:00 a.m.) sat-tmienja ta' filghaxija (8:00 p.m.);

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tielet Domanda;

Tilqa' ir-Raba' Domanda u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-konjugi Attard; u tiddikjaraha konsistenti fil-beni kollha li jinsabu f'idejn iz-zewg partijiet; u tiddividiha billi tassenja liz-zewg partijiet dak li prezentement jinsab fil-pussess taghhom u peress li dawn ma humiex ugwali bhala ekwiparazzjoni tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici minghajr imghax fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza s-somma ta' elf u tmien mitt lira Maltin (Lm1800);

Tiddeciedi l-Hames Domanda billi tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha personalment is-somma ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha, u inoltre ihallasha wkoll is-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40) fil-gimgha kwantu ghal ghoxrin lira Maltin (Lm20) ghal kull wahda mill-istess minuri. Tordna li dan il-

manteniment ghandu jigi mhallas direttament mill-*employer* tal-konvenut lill-attrici fil-kont bankarju li jigi minnha indikat.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur